**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru 2917**

Kaz Numru 3977/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Yanika Rizzo

U

The Malta College for
Science and Technology

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 26 ta' Mejju, 2023

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 31 ta' Mejju, 2021 permezz ta' l-avukat Albert Zerafa f'isem is-sa Yanika Rizzo. Minn naha l-ohra il-Kullegg, The Malta College for Science and Technology irrisponda fit 30, ta' Lulju, 2021 permezz ta' l-avukat Jean Carl Abela.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddecidi il-kaz fil-perjodu stipulat mill-ligi minhabba id-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrent s-sa Yanika Rizzo allegat tkeccija ingusta mit-tieni impjieg li hi tghid li kellha ma' l-istess principal li mieghu diga kellha u ghadd ghandha impjieg full time.  Dan ghaliex kif allegat r-rikorrenti, il-Kullegg li mieghu kellha it-tieni kuntratt tax-xoghol itterminalha dan it-tieni kuntratt

ghal ebda raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, qabel ma’ skada z-zmien definit tal-kuntratt.

Minn naha tieghu il-Kullegg Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija rrisponda li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaliex it-terminazzjoni saret waqt il-probationary period u ghaldaqstant it-terminazzjoni kienet wahda valida skont il-ligi.

**Fatti tal-kaz**

Is-sa Yanika Rizzo hija lettura full-time fuq kuntratt ta’ xoghol indefinit fil-Kullegg Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija. Fis-sena 2020 inharget sejha interna ghal applikazzjonijiet fost l-impjegati tal-kullegg biex jintelgha il-post vakant ta’ Student Support Coordiantor fl-Istitute of Engineering and Transport – Electrical & Electronics Engineering Department.

Wara intervista s-sa Rizzo intghazlet biex timla il-vakanza. Il-hatra kienet koperta minn ftehim ghal perjodu definit b’effett mill l-1 ta’ Ottubru 2020 u li kien jghalaq fil-31 ta’ Awwissu, 2021.

Il-pozizzjoni il-gdida fissret li s-sa Yanika Rizzo kellha hames sieghat (5) ta’ xoghol ta’ lettura fil-gimgha mnaqqsa biex tkun tista twettaq ir-rwol ta Student Support Coordiantor filwaqt li bdiet tgawdi minn hlas ta’ allowance ta’ €2000 ghat-terminu tal-kuntratt ghal dan ir-rwol – ref YR1 folio 3.

Wara serje ta’ emails bejn is-sur John Bartolo Director Outreach Services and Students Affairs u s-sa Rizzo, dwar log sheets li r-rikorrent kellha tibghat bhala testimonjanza tax-xoghol li ghamlet fix-xhur bejn Ottubru u Dicembru 2020, s-sur John Bartolo pprezenta rapport negattiv lis-superjuri tieghu ref JB2 folio 21 dwar il-performance tax-xoghol tas-sa Rizzo. Abbazi ta’ dan ir-rapport l-Executive Management Team ha decizjoni li b’effett mill-31 ta’ Jannar 2021 il-kuntratt YR1 folio 3 mas-sa Rizzo jkun terminat ref YR2 folio 5.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu kwistjoni ta’ xoghol li tirrigwarda arrangament partikolari ta’ xoghol li fih innifsu mhux l-impjieg regolari li ir-rikorrent ghandha mal-principal. Ghalhekk it-Tribunal, qabel ma’ jidhol fil-mertu ta’ l-allegat tkeccija, ried jara jekk dan l-arrangament kienx jikkostitwixxi kuntratt ta’ impjieg validu fil-ligi u ghalhekk independent mill-kuntratt tax-xoghol li r-rikorrent diga’ kellha fuq bazi full-time indefinit jew kienx biss estensjoni tar-relazzjoni lavorattiva ezistenti.

Kondizzjonijiet li jikkostitwixxu kuntratt tax-xoghol

Biex jaghmel dan it-Tribunal hares lejn il-kundizzjonijiet li jikkostitwixxu impjieg.

Kap 452 artiklu 2 jghid li;
"kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' mpjieg" tfisser ftehim, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub li bih persuna tintrabat li taghmel servizz ghal principal bil-hlas ta' paga.
L-istess artiklu anki jelenka l-kundizzjonijiet li jikkostitwixxu impjieg u jibda bil-paga, il-perjodu tal-impjieg, is-sieghat tax-xoghol u l-leave u tinkludi kull kundizzjoni li ghandha x'taqsam mal-impjieg inkluz il-mod kif jigi terminat l-impjieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistghu jinqalghu bejn il-partijiet jistghu jintemmu.

Il-ftehim ref YR1 folio 3 jispjega it-terminu tax-xoghol u aspetti ohra prattici tas-servizz mitlub kif ukoll il-hlas ta' "allowance" ghal dan is-servizz. Jispjega ukoll li il-kontinwazzjoni tal-kuntratt jiddependi minn performance sodisfacenti minn naha tar-rikorrent. Jidher ukoll li il-principal kellu il-jedd li jezercita direzzjoni u kontrol u anki ghazla effettiva fuq in-natura tax-xoghol tal-persuna mqabbda taghmel ix-xoghol ta' Student Support Coordinator.

Dawn huma kollha karratteristici tipici li wiehed isib f'kuntratt tax-xoghol allura li jistghu jikkostitwixxu impjieg.

Minn naha l-ohra il-ftehim ref YR1 folio 3 ma jghid xejn dwar paga, dwar d-dritt ghal leave jew leave waqt il-mard, dwar kif il-ftehim jista jigi terminat u anqas dwar kif ikunu rizolti kwistjonijiet li jistghu jinqalghu. Dawn huma aspetti bazici li wiehed jistenna u li necessarjament ikollu kuntratt ta' servizz jew kuntratt ta' impjieg biex ikun wiehed validu fil-ligi. Din ir-relazzjoni lavorattiva anqas ma' kienet registrata mal-Jobs Plus ref LB 1 folio 36.

Il-HR Director sa Mary Rose Mifsud tghid li ir-rwol ta' Student Support Coordiantor hija rwol extra li l-imjegati tal-kullegg japplikaw ghaliha biex jaqalghu xi haga zejda. Infatt hi tghid li dan ir-rwol anqas ghandhu perjodu ta' probation. Minn naha l-ohra s-sur John Bartolo jghid li il-parir tieghu kien li ihallu il-kors tat-terminu kollu jghaddi ghaliex skont hu r-rikorrent kellha kuntratt tax-xoghol definit.

S-sur John Bartolo jghid li l-Student Support Coordiantors jintghazlu minn fost il-letturi existenti ghaliex dawn diga jkollhom "exposure" ma' l-istudenti u allura joffru vantagg biex studenti fil-bzonn ta' l-ghajnuna ikunu identifikati u mghotija access aktar efficjenti ghas-servizzi tal-kullegg. Ref folio 24.

S-sur Philip Vella d-deputy principal administration jghid li x-xoghol ta' Student Support Coordinator huwa rwol addizzjonali max-xoghol regolari tar-rikorrent igifieri dak ta' lettur. Huwa jzied li dan ir-rwol ma jitqiesx mill-kullegg bhala impjieg u allura skond hu, mhux kaz li meta s-servizz ma' jkunx sodisfacenti tirrikorri ghal process ta' dixxiplina. Hu jzied li minkejja li kien hemm decizjoni li dan ir-rwol jigi terminat, xejn ma jzomm lir-rikorrent milli terga japplika ghal l-istess puzizzjoni fil-futur. Ir-rapprezentant tal-Unjon ta' l-ghalliema l-MUT, s-sur Ted Darmanin jghid li r-rwol ta' coordinator huwa rwol addizzjonali max-xoghol regolari tal-persuna, f'dan il-kaz kien rwol addizzjonali ta' Coordinator ma' dak ta' lettur. Huwa jzied li rwol bhal dan huwa kopert bil-ftehim kollettiv.

Il-hlas ta' l-allowance isir permess ta' log sheet li s-sa Rizzo kellha timla kull xhar biex tindika l-interventi kollha li kellha ghax-xhar partikolari. Dan ifisser li biex tithallas trid taghmel "claim". Jidher li dawn il-log sheets kienu jservu ukoll ta' *activity report* tax-xoghol li tkun ghamlet s-sa Rizzo, imma jidher li fil-kaz li ghandna quddiemna, servew ukoll biex fuqhom isir rapport dwar il-performance tar-rikorrent. Jidher li il-log sheet kienet tip ta' evidenza tax-xoghol li jkun sar biex abbazi tieghu il-kullegg ikun jista jhallas l-allowance. Il-log sheet kienet strument ta' verifika tax-xoghol liema xoghol kien kopert minn ftehim YR 1 folio 3.

It-Tribunal jinnota li dan il-ftehim YR1 folio 3 huwa wiehed li jirregola l-attivita' tar-rwol ta' Coordinator ta' l-istudenti fil-dipartiment respettiv. Hija attivita' fost ohrajn illi l-kullegg johrog b'sejha ghal applikazzjonijiet minn fost l-impjegati tieghu stess. Il-kandidat maghzul ghal puzizzjoni ta' Coordinator kien ikollu 5 sieghat ta' xoghol imnaqqsa mill-hin regolari ta' lettur biex ikun jista' jaghmel ix-xoghol addizzjonali ta' Coordinator. Ghal din ir-rwol il-coordinators kienu jithallsu allowance u mhux paga. Ghalhekk attivita' bhal din hija dipendenti fuq il-fatt li l-applikant irid ikun diga impjegat mal-kullegg.

L-obbligi u r-responsabbiltajiet li johorgu minn dan il-ftehim ref YR1 folio 3 jezistu biss ghaliex diga kien hemm fis-sehh bejn il-partijiet, kuntratt tax-xoghol validu fil-ligi. Il-ftehim li jirregola l-attivita' ta' coordinator, wahdu u fil-forma kif ipprezentat ref YR1 folio 3 qatt ma' jista' jkun kuntratt ta' mpjieg validu fil-ligi. Galadarba dan il-ftehim mhux kuntratt ta' impjieg allura ma jistax ikun hemm tkeccija mill-impjieg.

In fatti minkejja li dan il-ftehim YR1 folio 3 kien terminat, l-impjieg innifsu tar-rikorrent ma kienx terminat ghaliex kienet u ghadha mpjegata ma' l-istess principal.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-tribunal ezamina u evalwa id-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddecidi li ma' kienx hemm tkeccija ingusta mill-impjieg.

**Kumpens**

Ghalhekk ebda kumpens ma hu dovut.

**Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida id-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)

Is-Sur Joseph Gerada
Chairperson

(Vera Kopja)

Jordan Muscat
Ghas-Segretarju